Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

Dominic Fenech

Illum 18 ta’ Jannar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Dominic Fenech, iben Bartholomew u Nazzarena nee Cilia, imwieled Pieta fid-19 ta’ Settembru, 1976 u dententur tal-karta tal-identita Nru. 463376M akkuzat talli nhar id-9 ta’ Novembru, 2001 u fiz-zminijiet ta’ qabel din id-data, cioe’ fix-xahar ta’ Ottubru 2001, minn Triq Ghar Dalam, B’Bugia, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ oggetti cioe’ ‘stereos’, ‘speakers’, u ‘spare parts’ minn gewwa diversi vetturi fosthom vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBC-434 ghamla Bedford u vettura bin-numru tar-registrazzjoni

DAN-547 ghamla Dacia liema valur huwa ammontabbli ghal aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 liema serq huwa kwalifikat bil-valur, mezz, hin u haga misruqa liema serq sar ghad-detriment ta' Carmelo Bonnett;

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanzi f'dawn il-Gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, cioe' fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBC-434 ghamla Bedford u vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAN-547 ghamla Dacia liema hsara ma tammontax ghal aktar minn LM500 izda aktar minn LM50 ghad-detriment ta' Carmelo Bonnett;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-provi li tressqu d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar, 2002 meta kienu qeghdin isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi illi, fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, l-imputat fuq imsemmi huwa **hati** tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, b'dana illi tilliberrah mit-tieni akkuza, dik ta' ricettazzjoni, u dana peress illi una volta jirrizulta s-serq ma jistax jirrizulta ukoll ir-ricettazzjoni. Il-Qorti rat l-Artikoli 261(b), (f) u (g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 282 u 325(b) tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi missier l-imputat hallas lid-derubat is-somma ta' sitt mitt lira (LM600), liema somma skond id-derubat Carmelo Bonnett illi xehed f'dawn il-proceduri tkopru l-ammont kollu tas-serq u hsarat ikkagunati lilu mill-imputat fuq imsemmi. Effettivament is-Sur Bonnett xehed illi jahfer lill-imputat ta'

dak kollu illi gara u li ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfornt tal-imputat fuq imsemmi.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta. Fil-fatt huwa kien instab hati illi ikkommetta kontravvenzjonijiet permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-10 ta' Ottubru tas-sena 2000. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat mill-ewwel ikkoopera mal-pulizija u irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta iffissata mill-Qorti f'din il-kawza. Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis illi l-piena karcerarja certament ma tkunx idonea ghall-akkadut. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija u wara li l-Qorti rat l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini li hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur